MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru 474/2012

Il-Pulizija
(Spettur Daryl Borg)

vs

Stephanie Portelli

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta’ karta ta’ l-identita’ numru 577789M, akkuzata talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda u cioe’ talli matul il-perjodu ta’ bejn Ottubru u Novembru 2010 u matul Lulju 2011, gewwa il-Kullegg San Gorg Preca, Pieta, ikkommettiet serq ta’ flus kontanti ghad-detriment ta’ Denise Cutajar ta’ karta tal-identita’ numru 134988M u Francesca Cutajar ta’ karta ta’ identita’ 31385G liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghet tinsisti anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiddikjaraha u ssiba hatja.

Rat il-fedina penali netta taghha. Ikkonsidrat li s-serq kien ta’ ammont ta’ flus relattivament zghir u gew restitwiti.

Rat l-Artikolu 261(d), 268(a) tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat ir-responsabbilitajiet tal-imputata skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------